**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 5 ta' Novembru, 2018**

Numru 15

**Appell Nru. 39/2018**

**MFF Limited**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' MFF Limited tal-15 ta' Gunju 2018 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-31 ta' Mejju 2018 li ikkonferma r-revoka tal-permess PA 910/94;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra
L-Onor. Qorti tal-Appell ikkonfermat illi t-Tribunal huwa marbut mal-aggravji u ghalhekk ser jigu trattati dawn biss. ( 30 ta' Marzu, 2017 Appell Nru. 23/2016 Hector Borg, Mark Azzopardi u Patrick Calleja vs L-Awtorita tal-Ippjanar (gia LAwtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) et).

L-Ewwel aggravju huwa illi d-decizjoni mehuda fit-22 ta' Settembru 2016 (ossia dik ta' revoka tal-permess in mertu) hija ultra vires l-poteri tal-Awtorita'. L-appellanti jghid li din ir-revoka kienet giet kkunsidrata on the basis of non-compliance with permit conditions.

Ghalkemm l-Appellanti jghid li l-Awtorita' m'ghandhiex is-setgha li tirrevoka permess jekk mhux taht id-dettami tal-artikolu 80 (1) tal-Att it-Tribunal ma jaqblix. Permessi huma in parti jew in toto marbuta ma' kundizzjonijiet.

Illi l-Awtorita skond il ligi tista tiehu azzjoni ta' nfurzar jekk hemm ksur ta kondizzjonijiet jew ksur tal-kontroll tal-izvilupp. Madankollu, f'dan il kaz il-permess kien marbut b'kondizzjoni specifika fejn tippermetti lill-Awtorita li tirrevoka tal-permess f'kaz ta ksur tal-kondizzjonijiet marbuta mal-operat tal-fishfarms kif approvat [Vide kondizzjoni numru 15 tal-Permess PA 2528/01 li hija s-segwenti: "In the event that permit conditions are not adhered to or work practices are resulting in undesirable environmental impacts, the Malta Environment & Planning Authority may revoke this permit at any time"].

Huwa minnhu kif qed jishqu l-appellanti illi l-process ta' revoka ta' permess huwa regolat u limitat skont id-dettami tal-Kap 552, imma f'dan il kaz id-dritt (jew ahjar obbligu) ta' revoka huwa naxxenti minn kondizzjoni specifika f'permess li rabtet kemm l-Awtorita kif ukoll il-permit holder. Fil-kaz odjern, l-Awtorita' skattat il-process ta' revoka kif kienet qed tistipula l-kondizzjoni fil-permess meta sabet ksur tal-kondizzjonijet tal-permess li kienu qed jirregolaw l-operat tal-fishfarms kif dan it-Tribunal gja kkonferma fl-appell kontra l-avviz ta' nfurzar.

Ghalhekk dan l-aggravju huwa michud.

It-tieni aggravju huwa illi l-avviz ta' revoka relattiv huwa null u bla effett ghaliex inhareg f'isem kumpanija inezisteni. It-Tribunal huwa tal-fehma illi dan l-aggravju ma fihx mertu. L-aggravju huwa marbut ma' drittijiet li setghu talvolta gew mittiefsa mill-Awtorita' fil-konfront tal-appellanti. Il-fatt illi l-appellanti stess ghamlu l-appell fuq l-isem korrett tal-kumpanija appellanti hija turija illi ma kien hemm ebda hsara lill-appellanti. Irid jizdied jinghad illi l-atti juru illi l-appellanti ppartecipaw bis-shih fil-proceduri in mertu quddiem il-Planning Board u l-Awtorita'.

Dan l-aggravju huwa ghalhekk michud.

It-tielet aggravju huwa simili ghall-ewwel aggravju fis-sens li huwa mibni fuq il-presuppost illi id-decizjoni tat-22 ta' Settembru 2016 kien illegali billi ma segwix dak deciz fis-seduta tas-6 ta' Settembru 2016 mill-istess Planning Board.

It-tielet aggravju huwa illi l-Awtorita' marret kontra dak li hija stess intrabet li taghmel fil-verbal tas-6 ta' Settembru u b'hekk ippregudikat id-drittijiet tal-appellanti.

Skond il-minuti relattivi fis-6 ta' Settembru 2016 gie registrat The Chairman made it clear that the consideration for the revocation of the permits is only being deferred and that if by the 22nd September an agreement is not concluded and registered the Board will take a vote on the recommendation made by the Executive Chairman".

Ghalhekk huwa car illi d-deferral kien marbut ma' possibilita' ta' ftehim – ftehim li kellu jsehh sat-22 ta' Settembru 2016. It-Tribunal ezamina d-dikjarazzjoni unilaterali li giet iffirmata mill-appellanti u mibghuta lill-Bord fid-19 ta' Settembru 2018. Fisseduta tat-22 ta' Settembru 2018 gie konfermat li din id-dikjarazzjoni kienet accettabbli ghall-Awtorita' (skond il-CEO Johann Buttigieg).

B'danakollu il-Bord iddecieda li ghandu jittiehed vot fuq it-talba ghal revokazzjoni ghaliex skond hi ma kienx hemm ftehim. Din iddecizjoni kienet taqa pjenament fil-parametri tac-Chairman tal-Planning Board u bhala tali kienet f'waqtha billi d-dikjarazzjoni unilaterali kienet nieqsa minn dak rikjest skond il-ligi sabiex ikun hemm ftehim (ftehim jipprospetta li jkun bilaterali u mhux unilaterali).

Ir-regolamenti tal-Awtorita' huma tali li kienu jghatu lic-Chairman tal-Planning Board id-dritt li jitlob li jittiehed vot fic-cirkostanzi.

Id-drittijiet tal-Appellanti jibqghu dejjem shah jekk jaghmlu l-prova li l-kundizzjonijiet (fil-permess) li allegatament inkissru jirrizulta fattwalment li ma nkissru xejn. Din hija kwistjoni ta' prova fattwali.

Ghalhekk dan l-aggravju huwa michud

Illi r-raba aggravju huwa illi l-fatti allegati huma soggetti ghal proceduri separati ta' appell. Huwa minnu illi kien hemm fil-mument tar-revoka proceduri ta' appelli pendenti fir-rigward ta' enforcement notices mahruga fil-konfront tal-appellanti. Dawn inhargu proprju minhabba allegat ksur ta' kundizzjonijiet, liema ksur wassal ghar-revoka.

Il-fatt li hemm pendenti appelli in mertu ma jfissirx li l-Awtorita' ma kellhiex id-dritt li tibda l-procedura ghal revoka. It-tnejn huma proceduri li jistghu jimxu flimkien. Tibqa dejjem naturalment riserva favur l-appellanti fil-kaz ta' ezitu favorevoli tal-appelli kontra l-enforcement notices. L-Awtorita' tibqa dejjem responsabbli hi ghal dak li taghmel. Dan ifisser li l-appellanti jibqa dejjem miftuh favurihom (jekk ikun il-kaz) azzjoni ghal danni fejn dan huwa applikabbli.

L-Awtorita' mxiet mar-regoli stabbiliti u skond ir-responsabilitajiet wiesgha taghha favur l-ambjent u ghalhekk ma hemm xejn hazin li flimkien ma enforcement notice tibda l-procedura ta' revoka – din hija wara kollox il-mansjoni tal-Awtorita.

Dan l-aggravju huwa ghalhekk michud.

Ghal dawn il-motivi, dan it-Tribunal qed jichad l-Appell.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. Ir-revoka tal-permess hu ultra vires il-poteri tal-Awtorita ghax il-jedd ta' revoka jemana biss mill artikolu 80 tal-Att VII tal-2016;

2. L-artikolu 80 jaghti poter lic-Chairperson Ezekuttiv tal-Awtorita li jibda proceduri biex jirrevoka permessi fi zmien hames snin mill-hrug tal-permess. Billi din it-talba saret hafna wara l-gheluq ta' hames snin, ir-revoka hi bla bazi legali;

3. Id-decizjoni tal-Awtorita tat-22 ta' Settembru 2016 hi legalment irregolari ghax tmur kontra dak deciz fil-laqgha tas-6 ta' Settembru 2016 fejn kien hemm terminu ta' gimghatejn biex jintlahaq ftehim qabel decizjoni fuq ir-revoka u gie sottomess mill-appellant illi ftehim kien intlahaq b'dikjarazzjoni unilaterali tal-appellant maghmula mill-Awtorita stess. It-Tribunal iddecieda hazin meta qies li d-dikjarazzjoni ma kinitx ftehim u ma kinitx torbot lil Awtorita;

4. Il-fatti allegati huma mertu ta' appell pendenti dwar l-enforcement notice ta' emergenza ai termini tal-artikolu 97(4) tal-Kap. 552. L-Awtorita ma setghetx tirrevoka l-permess qabel ma jigi deciz finalment jekk kienx hemm infrazjoni ghax ikun qed jagixxi kontra l-principju nemo judex in causa propria.

**L-ewwel u t-tieni aggravji**

Dawn l-aggravji ma fihomx mertu. L-appellant mhux korrett meta jqis li l-artikolu 80 tal-Kap. 552 li jaghti lok ghal revoka ghar-ragunijiet hemm moghtija hu ezawrjenti. L-artikolu 80 jaghti din is-setgha moghtija bil-ligi fejn it-talba ghal revoka tista' titqajjem minghajr ma jeskludi sitwazzjonijiet fejn il-permess innifsu jindika b'mod car u inekwivoku li hemm lok ghal revoka fuq nuqqas ta' osservanza ta' xi kondizzjoni imsemmija fil-permess u accettata mill-parti li inghata l-permess minghajr ma oggezzjona ghaliha skont il-ligi meta inhareg il-permess. Ovjament l-Awtorita trid iggib il-prova tal-ksur biex jigi revokat il-permess u l-persuna fil-pussess tal-permess ghandu jinghata l-opportunita skont il-ligi biex jirribatti u f'kaz ta' revoka, jappella mid-decizjoni tal-Awtorita skont il-ligi. Il-Qorti ma tifhimx kif l-artikolu 80 qed jinnewtralizza ftehim li l-Awtorita u l-applikant bil-kunsens tat-tnejn ghamlu fuq possibilta ta' revoka f'nuqqas ta' non osservanza ta' kondizzjoni cara ta' permess meta dan qatt ma gie kontestat meta inhareg il-permess u fejn il-permess innifsu mhux qed jigi kontestat. L-artikolu 80 qed jikkonsidra sitwazzjoni cioe mezz legali ghal revoka minghajr ma

kien hemm ebda kondizzjoni miftehma fil-permess ghal revoka fin-nuqqas ta' non osservanza ta' kondizzjoni espressa li twassal ghal proceduri ta' revoka fejn fl-ahhar kaz ma hemmx terminu meta tigi ezercitata din is-setgha purche l-permess ghadu validu.

L-istess setgha kienet ezistenti fil-Kap. 356 bl-artikolu 39A li gie succedut mill-Kap. 504 bl-artikolu 77 u issa jinsab fl-artikolu 80 tal-Kap. 552 li ta setgha lil kull persuna oltre l-Awtorita infisha li tressaq talba ghal revoka minhabba qerq u zball fid-dokumenti jew ragunijiet ta' sigurta pubblika. Dan l-artikolu ma svestiex lil Awtorita milli timponi l-kondizzjonijet li jidhirlha xierqa.

Ghalhekk l-aggravji huma infondati.

**It-tielet aggravju**

Din il-Qorti tqis li l-aggravju tal-appellant hu misthoqq li jigi milqugh. Is-seduta tal-Bord tal-Awtorita tas-6 ta' Settembru 2016 ghamlitha cara illi d-decizjoni ghal revoka tal-permess kienet qed tigi differita ghat-22 ta' Settembru 2016 biex jinghata zmien lil operaturi biex jaghmlu method statement u ftehim mal-Awtorita, il-Fisheries Department u l-Awtorita tal-Ambjent u Rizorsi fuq weghda dwar rilokazzjoni tal-operazzjoni kummerjali taghhom u kwistjonijiet ohra. Jekk ftehim ma jkunx milhuq jittiehed il-vot dwar it-talba ghal revoka tal-permess fit-22 ta' Settembru 2016 (ara minuta 1455 u 1456 tas-seduta).

Jidher ghalhekk li jekk jigi pruvat li ftehim sehh, il-Bord intrabat implicitament li ma jittiehedx vot favur it-talba ghal revoka ghax il-ftehim ikun sehh, salv ovjament id-drittijiet tal-Awtorita u l-Bord tal-Awtorita jekk il-ftehim ma jigix ezegwit kif miftiehem mill-parti li ntrabtet ghalih. Dan kien jidher l-intendiment car tal-verbal tas-6 ta' Settembru 2016.

Jirrizulta illi fil-mori tad-differiment sar method statement mill-appellant li pero, kif jirrizulta mill-email tad-19 ta' Settembru 2016 mibghuta mill-Perit Axiak f'isem ic-Chairperson Ezekuttiv, CEO tal-Awtorita tal-Ambjent u Rizorsi u d-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Fisheries u Aquaculture illi kienet qed tintbaghat dikjarazzjoni li

kellha tigi iffirmata mill-appellant qabel is-seduta u li fiha kien hemm il-proposti u l-undertakings maghmula mill-appellant izda ifformulati mill-istess trasmittent biex ikunu aktar cari f'dak li huma 'targets u deadlines'.

Din id-dikjarazzjoni giet iffirmata u esebita fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2016. Hi l-fehma tal-Qorti illi tali dikjarazzjoni kienet tikkostitwixxi adempiment ta' ftehim li gie milhuq bejn l-appellant u l-entitajiet koncernati billi si tratta ta' proposta maghmula mill-appellant, korretta mill-partijiet l-ohra u accettata mill-istess appellant bil-firma tieghu qabel is-seduta tat-22 ta' Settembru 2016. Dan hu ftehim car fil-ligi (ara f'dan is-sens **Anna Zelbst vs Alfred Mifsud**, App Inf 18/06/2018).

Hi l-fehma tal-Qorti li t-Tribunal kien zbaljat li ma jqis tali dikjarazzjoni bhala ftehim u hi ghal kollox errata d-decizjoni tat-Tribunal li d-dikjarazzjoni ma kinitx tikkostitwixi vinkolu meta kien hemm l-adezjoni mill-partijiet koncernati kif jidher mill-istess minuta 1554 tas-seduta tat-22 ta' Settembru 2016. F'dik ic-cirkostanza l-Bord ma setghax jiehu vot ta' revoka tal-permess billi dak kien soggett ghal dak deciz fis-6 ta' Settembru 2016, cioe t-thejjija u accettazzjoni ta' pjan ta' intendiment inkluz tnehhija ta' gageg u relokazzjoni. Dak li seta' jaghmel il-Bord hu biss li jiddiferixxi t-talba ghal revoka ghal data ohra biex iqis l-implimentazzjoni o meno tal-ftehim izda mhux li jirrevoka l-permess meta dak ordnat fis-seduta tas-6 ta' Settembru 2016 gie attwat sas-seduta tat-22 ta' Settembru 2016. It-Tribunal ma jistax iqis li c-Chairman tal-Bord kellu dritt li jittiehed vot ghal revoka ghax tali dritt kien soggett ghal nuqqas ta' produzzjoni ta' method statement kif deciz fis-6 ta' Settembru 2016.

Ghalhekk id-decizjoni tat-Tribunal hi errata kif anki errata d-decizjoni ta' revoka.

**Ir-raba' aggravju**

Billi t-tielet aggravju qed jigi milqugh ma hemmx lok li jigi deciz ir-raba' aggravju.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tilqa' t-tielet aggravju tal-appellanti u tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-31 ta' Mejju 2018, u filwaqt illi tqis bhala null u bla effett ir-revoka tal-permess PA 910/94 thalli

impregudikat id-dritt tal-Bord tal-Awtorita fuq talba ghal revoka mill-gdid jekk ikun il-kaz u l-kwistjonijiet dwar l-enforcement orders ezistenti. Spejjez jibqghu bla taxxa.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur